MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 427/2006

**Talba Nru: 427/06VGD**

Legend Real Estate Limited (C24094)

Vs

Edward u Shavina konjugi Chatlani

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00c) jew somma ohra verjuri rapprezentanti servizzi rezi minnha lill-konvenuti fir-rigward tax-xiri u l-akkwist da parti

tal-istess konvenuti tal-fond Flat 3, Block C, Capitol Mansions, Triq Censu Xerri kantuniera ma' Triq Mattew Pulis, Tigne', Sliema, permezz ta' kuntratt pubblikat fit-13 ta' Jannar, 2005, bl-ispejjes kollha u bl-imghax legali mit-13 ta' Jannar 2005 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------